MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 89/2003/1

**Mariano Farrugia**

**vs**

**Joseph Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta’ Gunju 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tikkundanna lill-konvenut Joseph Farrugia ihallas is-somma ta’ elf mija u sebgha u sebghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1177.80) dovuti bhala danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li sehh

fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) fi Triq ix-Xlendi, fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex bejn il-coach bin-numru tar-registrazzjoni FBY 068 appartenenti lill-attur u misjuqa minn Michael Mercieca u l-vettura tal-marka Volkswagen u bin-numru tar-registrazzjoni AAP 929 appartenenti lil Francis Farrugia u misjuqa mill-konvenut, u ta’ liema incident inti konvenut kont unikament responsabbli minhabba imperizja, sewqan eccessiv, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta fit-tletin (30) ta’ April 2003 u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma’ dan l-avviz lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut.”

Ra r-risposta:

“Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita’ u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident awtomobilistiku u li l-istess incident sehh minhabba negligenza, traskuragni u imperizja tax-xufier li kien qed isuq il-coach numru ta’ registrazzjoni FBY 068 u cioe’ Michael Mercieca kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ikkunsidra :

Il-partijiet taw verzjonijiet differenti dwar kif – u b’mod partikolari f’liema parti tat-triq - sehh l-incident bejn ix-xarabank tal-attur misjuqa minn certu Michael Mercieca, u l-karozza misjuqa minnu stess. Kull parti ssostni li kienet issuq fuq sajdha filwaqt li tixli lill-kontro-parti li kienet ghaddejja *wrong-side*. Skond l-attur, is-sewwieq tax-xarabank proprjeta’ tieghu, kien ghaddej fuq sajdu ghat-telgha isuq fid-direzzjoni ta’ Victoria, ra lill-konvenut gej ghal fuqu; huwa waqaf fil-posizzjoni indikata fl-iskizz izda l-konvenut xorta wahda baqa’ sejjer ghal fuqu tant li habat mar-rota ta’ quddiem tax-xarabank u baqa’ jitkaxkar

mal-gemb tal-lemin kollu tax-xarabank. Min-naha l-ohra, skond il-konvenut, huwa kien isuq fuq sajdu, ix-xarabank huwa u gej mid-direzzjoni opposta invadielu l-karreggjata, u ffaccjat b'dan il-konvenut applika l-brejkijiet izda xorta wahda sehhet il-habta.

In sostenn tat-tezi tieghu, l-attur tella' bhala xhud lil Michael Mercieca (fol 23 et seq). Huwa xehed li ra lill-konvenut gej *bi speed qawwi*, ghalkemm *a tempo vergine* ma semma' xejn dwar dan lis-surgent investigatur. L-attur tella' wkoll lill-gwida tat-turisti li kienet riekba fix-xarabank u li fl-affidavit ikkorroborat orkestralment dak kollu li qal ix-xufier tieghu. Din il-gwida ukoll stqarret li l-konvenut ratu gej bi speed *eccessiv* (affidavit taghha a fol 17). Kontro-ezaminata (fol 71) hija qalet li rat lill-karozza tal-konvenut gejja bi speed, *naf li hi l-karozza qiesna ahna konna l-brakes tal-karozza,* izda wara li regghet sostniet li hija rat il-karozza tal-konvenut titkaxkar max-xarabank, issikkata mill-abbli avukat difensur tal-konvenut ipprecizat li *l-karozza z-zghira hassejtha titkaxkar maghna … pero' hi u titkaxkar ma rajthiex… anqas stajt naraha mill-posizzjoni li kont fiha*(fol 73). Il-gwida ghamlet enfasi li l-coach waqfet *verament mal-hajt* u pront wara rrimarkat li *issa inti coach dejjem irid johrog izjed daqsxejn 'il barra biex idur turnings u hekk. Ma jistax bhal karozza zghira iddur hekk.* Hawnhekk prattikament hawn ammissjoni li x-xarabank, hija u ddur il-kisra tat-triq fejn sehh l-incident, kienet ghaddejja xi ftit fuq in-naha tal-lemin tat-triq.

Il-konvenut xehed (fol 47 et seq) li l-habta sehhet fil-punt fejn waqfet il-karozza tieghu, u fejn hemm indikat fl-iskizz li hemm id-debris (immarkata bl-ittra G fl-iskizz a fol 40). Isostni li huwa kien ghaddej bi speed normali, applika l-brejk u x-xarabank, li kienet gejja ghan-nofs tat-triq, tkaxkret mal-vettura tieghu sakemm waqfet kif jidher fl-iskizz. M'gharafx jispjega r-raguni l-ghala kien hemm qxur ta' zebgha fl-art biswit ir-rota ta' quddiem tax-xarabank.

L-investigazzjoni tal-incident saret minn PS 1233 J Attard li bhala l-ufficcjal investigatur ghamel dmiru sewwa billi osserva l-evidenza kollha li nstabet fuq il-post u rregistra

b’mod akkurat u preciz ir-rizultanzi kemm fir-rapport tieghu kif ukoll fl-iskizz minnu redatt.

Issa jmiss lil dan it-Tribunal li minn dawn ir-rizultanzi jaghmel rikostruzzjoni tal-incident billi jiehu r-rapport tas-surgent u flimkien man-narrazzjoni tal-fatt tal-incident u d-deposizzjonijiet testimonjali akkwisiti waqt is-smiegh tal-kawza, riskontrati mat-tracci li s-sinistru halla fuq il-post tal-incident u fuq il-vetturi rispettivi, jibni mill-gdid l-incident mument b’mument. Dan biex jidentifika x’gara fid-diversi fazijiet tas-sinistru, u cioe’ l-fazi antecedenti ghall-iskontru, il-fazi kulminanti jew dik tal-habta, u fl-ahharnett il-fazi successiva li tintemm fejn jieqfu l-vetturi. M’hemmx ghalfejn jinghad li l-iskizz juri biss din il-fazi statika finali; qabel din il-fazi statika jkun hemm il-fazijiet dinamici li fihom il-vetturi jkunu ghadhom qeghdin jiccaqalqu.

Ix-xarabank ma halla l-ebda brake-marks. Min-naha l-ohra, il-vettura tal-konvenut halliet brake-marks kontinwi u ferm qosra, b’dawk tan-naha tax-xellug jaslu biss sar-rota ta’ wara tal-karozza filwaqt li dawk tan-naha tal-lemin jaslu press-a-poko sa nofs it-tul tal-karozza tal-konvenut. Dawn il-brake-marks huma paralleli ghal xulxin u forma ta’ kurva. Il-brake-mark it-twila, cioe’ dik tan-naha tax-xellug, tinstab taht fejn waqfet il-karozza, filwaqt li dik il-qasira, tinstab magemb in-naha tal-lemin tal-istess karozza. Dawn il-brake-marks jinstabu t-tnejn fil-kareggjata tax-xellug u l-ebda wahda minnhom ma taqbez il-linja medjana tat-triq. Il-posizzjoni ta’ dawn il-brake-marks vis-à-vis dik tal-karozza juru li l-karozza kienet fil-mument tal-habta iktar lejn il-lemin u cioe’ vicin tal-linja bajda kontinwa li hemm fin-nofs tat-triq. Prolungazzjoni tal-brake-marks <u>fid-direzzjoni imnejn kienet gejja</u> l-karozza tal-konvenut juru li l-konvenut kien qed isuq iktar lejn ix-xellug tat-triq – haga li tikkontradixxi, u allura tismentixxi ghal kollox, l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenut kien qieghed isuq fuq in-naha tal-lemin tat-triq u precizament fejn hemm il-frak taz-zebgha mill-karozza tal-konvenut biswit ir-rota ta’ quddiem tax-xarabank tal-attur. Min-naha l-ohra, prolungazzjoni <u>fid-direzzjoni li fiha kienet sejra</u> l-karozza tal-konvenut, turi li dan kien qieghed mill-gdid

jikser lejn ix-xellug tieghu meta sehhet il-habta. Dan huwa verosimili ghal karozza li tkun qieghda ddur f'liwja tat-triq, bhal fejn sehh l-incident.

Il-hsara fix-xarabank, kif gja gie ndikat, kienet bi sbrixx matul sajdha tal-lemin mir-rota ta' quddiem lura. Fir-rapport tieghu, is-surgent investigatur isemmi hsara *fil-front right hubcup, panel over front right wheel, scratches from front right wheel to rear right wheel, rear wheel hubcup and rear right side rubber panel*(fol 42). Il-hsara fil-karozza tal-konvenut kienet deskritta fl-istess rapport bhala lokalizzata fil-*front right bumper, mudguard, headlamp, indicator and bonnet* (fol 42). Il-hsara fil-karozza tal-konvenut kienet ghalhekk migbura fuq il-kantuniera tal-lemin taghha. Li juri li l-impatt ma sarx billi l-vetturi hakkew gemb ma' gemb, ghax hsara fil-gemb, il-vettura tal-konvenut ma garrbitx. Il-lokalizzazzjoni tal-hsara fuq il-vetturi fl-istess nifs tikkorrobora l-verzjoni tal-konvenut u tismentixxi dik tal-attur, billi hija kompatibbli mal-verzjoni tal-konvenut fis-sens li huwa bbrejkja qabel il-habta u meta waqaf fil-posizzjoni murija fl-iskizz ix-xarabank baqa' tiela' jhokk mieghu. Dan jispjega l-hsara mat-tul tal-maggor parti tax-xarabank, liema hsara tikkonsisti fil-maggor parti taghha f'semplici girfa. Kieku kif jallega l-attur il-konvenut baqa' ghaddej jitkaxkar max-xarabank, il-hsara ma kinitx tkun wahda merament superficjali u uniformi mal-gemb tax-xarabank, imma kienet tkun almenu f'xi punt jew iehor migbura 'l gewwa fil-korp tax-xarabank - iktar u iktar meta l-incident sehh f'liwja u allura l-vettura tal-konvenut kienet qieghdha ddur; u meta di piu' skond il-versjoni tal-attur il-konvenut kien ghaddej bi speed eccessiv.

Li speed eccessiv huwa wkoll smentit mit-tul tal-brake-marks li l-itwal fosthom iwasslu biss sa taht il-karozza tal-konvenut. L-anqas jista' jinghad li dan kien attribwibbli, kif qalet il-gwida, ghall-fatt li x-xarabank serva ta' brejk ghall-vettura tal-konvenut, ghax kieku kien hekk l-impatt kien ikun wiehed kbir, u mhux wiehed minimu, superficjali u pprolungat mir-rota ta' quddiem sar-rota ta' wara ta' xarabank mill-kbar.

Id-debris rizultanti mill-habta huwa lokalizzat f'post wiehed (punt G fl-iskizz) u l-maggor parti tieghu hija fuq il-karreggjata tal-konvenut. Kunsidrat il-fatt li d-debris itir 'il quddiem wara l-habta, dan juri bic-car li l-habta sehhet fil-karreggjata tal-konvenut (fil-punt G) u mhux fil-karreggjata tal-attur.

L-abbli avukat difensur tal-attur ghamlet enfazi fuq il-lokalizzazzjoni tal-qxur taz-zebgha mill-vettura tal-konvenut li nstabu ezatt biswit ir-rota ta' quddiem tax-xarabank, fejn din spiccat wara l-incident, bhala indikattiva li l-kollizjoni sehhet f'dak il-punt tat-triq u allura bhala element korroboranti t-tezi attrici. Il-lokalizzazzjoni tal-qxur taz-zebgha il-boghod minn fejn waqfet il-vettura tal-konvenut pero' hija facilment spjegabbli tenut kont li fil-mument ta' kollizjoni tigi ggenerata temperatura gholja li ddewweb iz-zebgha waqt li jsir il-*paint transfer* minn vettura ghall-ohra – dan specjalment meta jkollok il-metall tan-nofs ta' rota ta' xarabank iddur hija u thokk mal-vettura l-ohra; parti minn din iz-zebgha terga' tghaqad fi ftit sekondi wara l-habta u taqa fl-art mhux fejn saret il-habta, imma fejn jieqfu l-vetturi (ara Donald J Van Kirk, *Vehicular Accident Investigation and Reconstruction CRC Press 2001, pagni 120-122).* Apparti din il-kunsiderazzjoni, il-bqija tar-*res gestae* li sar accenn ghalihom iktar 'il fuq f'din id-decizjoni ma jhallu l-ebda dubbju jew ekwivoku dwar kif sehh l-incident: ix-xarabank huwa u tiela fil-liwja tat-triq mar in parti fuq in-naha tal-lemin sabiex ikun jista' jdur fil-kumdita', u dan bla ma daqq il-horn jew ta' xi preavviz lill-konvenut, li huwa u ghaddej 'l isfel fil-karreggjata opposta sab lix-xarabank ma' wiccu u ghalhekk din holqitlu emergenza subitanea. Jirrizulta minn dan li l-incident de quo sehh unikament tort tax-xufier tax-xarabank tal-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attur."

Fl-appell interpost mill-attur kontra din is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar l-aggravju uniku tieghu jitratta

minn ilment dwar l-apprezzament tal-provi prodotti. Essenzjalment, huwa jsostni illi t-Tribunal wasal ghal konkluzjoni zbaljata dwar l-“i*spot of impact*” u skarta x-xhieda tax-xufier tal-*coach*, prorjeta` ta’ l-appellanti, u tal-gwida tat-turisti li kienet fuq l-istess *coach*;

Din il-Qorti thoss li ghandha qabel xejn tirregistra din l-osservazzjoni ta’ natura generali.  Kif saput, hu ormai principju ferm assodat illi Qorti ta’ revizjoni m’ ghandhiex tiddisturba l-valutazzjoni tal-provi maghmula mill-ewwel tribunal jekk mhux ghal ragunijiet verament gravi li jwassluha ghall-konvinciment li t-Tribunal ma setax ma kienx zbaljat fl-apprezzament tieghu.  B’ egwal forza rafforzata dan il-principju japplika fil-kazijiet ta’ appelli mid-decizjonijiet ta’ dan it-Tribunal specjali in vista tal-fatt li *ope legis* l-attribuzzjoni lilu akkordata hi dik li jiddeciedi l-kaz quddiemu principalment fuq bazi ta’ ekwita` (Artikolu 7 ta’ l-Att V ta’ l-1995);

Huwa car mill-kontenut ta’ l-aggravju illi l-attur qed jikkontesta l-konkluzjoni tat-Tribunal li l-incident sehh unikament htija tax-xufier tal-vettura tieghu; anzi, jissokta jinsisti, anke f’ din is-sede li t-tort ma setax hlief ikun tal-konvenut appellat kif hekk ippremetta fl-azzjoni minnu ntentata.  Fuqu allura kien jaggrava l-piz tal-provi li jsostni l-allegazzjoni li tabilhaqq il-konvenut kien responsabbli ghall-incident;

Ghat-Tribunal l-attur ma rnexxilux jipprova din il-premessa tat-talba tieghu u cjoe li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-kollizjoni jew li kkontribwixxa ghaliha. Evidentement, mill-korp tal-motivazzjoni fis-sentenza attakkata, it-Tribunal ipprovda elementi dettaljati ta’ kif sehh l-incident u ta’ kif irreagixxew iz-zewg sewwieqa minn dak rikavat minnu mill-fatti accertati.  Huwa jidher li wasal ghal konkluzjoni wara li ha in konsiderazzjoni diversi fatturi li deherlu li kienu l-aktar rilevanti.  Aktar forsi mill-kredibilita, jidher li t-Tribunal alloka aktar importanza lil certi indikaturi ta’ fatt emergenti mit-topografija ta’ fejn

sehh l-incident u li kienet bla dubju tiddetermina r-regoli u l-prudenza li kellhom jiggwidaw il-kondotta taz-zewg konducenti. Dan, s' intendi, oltre r-*res gestae* kif effettivament irrizultaw u li ghenu biex jikkompletaw il-kwadru ta' kif issuccieda l-akkadut;

Biex tara jekk il-gudizzju tat-Tribunal kienx sew ifformat fuq il-bazi tal-provi accertati din il-Qorti irriezaminat ir-rizultanzi istruttorji biex minnhom tirrikostruwixxi d-dinamika ta' l-incident u tirricerka l-kawza prossima u immedjata li tat lok ghall-habta;

Minn dawn il-provi din il-Qorti hi in grad li taghmel dawn ir-rilevanzi:-

(1) Rilevanti l-iskizz (fol. 40) preparat mis-Surgent PS 1233 John Attard, anke ghaliex dan, tista' tghid, hu l-uniku element ta' prova indipendenti. Fih insibu rappreżentazzjoni grafika ta' l-incident, u kif jinghad fid-decizjoni a **Vol. XLVI P IV p 885** "huwa ferm utli ghall-awtorita` gudizzjarja li eventwalment tigi nvestita bil-kaz" anke ghaliex dan jikkonsisti minn dawk l-aspetti, *ex post facto* l-incident, li jigu konstatati *de visu* mill-ufficcjal tal-Pulizija li jinvestiga l-incident;

(2) Rilevanti l-i*spot of impact* kif raffigurat fl-iskizz. Kif jinsab deciz, "prova bhal din hija wahda li tista' materjalment tigi stabbilita` b' certa precizazzjoni, u ghalhekk meta tigi debitament notata mill-Pulizija li jinvestigaw il-kaz, prova bhal din tassumi rilevanza, importanza u valur sinifikanti. Naturalment tiswa aktar minn dak li jixhdu xhieda okulari, li ta' spiss, anki minghajr ma jridu, ma jirrakkontawx il-fatti kif verament graw" – "**Paul Deguara -vs- Thomas Cauchi**", Appell, 27 ta' Frar 1996. Fil-kaz in ezami d-debris ta' hgieg u trab huwa illustrattiv ta' l-i*spot of impact* murija fil-karreggjata traversata mill-konvenut appellat;

(3) Rilevanti wkoll il-lokalita` tal-hsarat fuq iz-zewg vetturi. Il-fatt li d-daqqa fuq il-coach kienet fil-genb tal-

lemin mill-"*front right hubcup*" lura jindika li fil-mument ta' l-impatt din il-vettura kienet qed tigi misjuqa angolata meta x-xufier kien qed jipprova jerga' jiggwadanja s-side tieghu wara li kien gej minn liwja. Fi kliem x-xhud Rose Fabri in kontro-ezami "*coach* dejjem trid tohrog izjed il-barra biex iddur *turnings* u hekk" (fol. 72);

(4) Issa huwa accettat illi "sewwieq li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghaliha" (**Kollez Vol. XLVII P II p 966**; "**Dottor Louis Bianchi *nomine* -vs- Roberta Patiniott**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). Eppure f' dan il-kaz, anke minn dak rakkontat mill-precitata xhud Rose Fabri, din il-Qorti, bhat-Tribunal, tosserva li c-*coach* kienet oltrepassat il-linja medjana tat-triq fil-mument li giet biex iddur mal-liwja u kien proprju f' dak il-mument jew vicin il-mument li kienet qed terga' tmur fuq il-karreggjata taghha li sehh l-impatt. Huwa desumibbli minn dan, mid-debris, u l-i*spot of impact* indikat fl-iskizz illi f' dak il-mument ix-xufier tal-*coach* ma kienx qabel l-impatt qed isuq fuq ix-xellug tat-triq, kif jesigu r-regolamenti, u kien dan, kombacjat man-nuqqas da parti tieghu, li wassal ghall-incident;

(5) Mid-dinamika ta' l-incident hemm, kif rilevat mit-Tribunal, spjega plawsibbli tal-bicciet taz-zebgha vicin ix-xarabank, li kuntrarjament ghal dak ritenut mix-xufier Michael Mercieca ma kienetx sosta imma kienet u hekk baqghet *in motion*, anke wara l-iskontru. Mhux hekk biss. Mill-istess dinamika tal-habta, tad-daqqiet, u tal-*brake marks* din il-Qorti teskludi wkoll li l-konvenut kien qed isuq b' velocita`, kif hekk allegat mix-xufier Mercieca u l-imsemmija Rose Fabri, t-*tourist guide* li kienet fil-*coach*;

(6) Mic-cirkostanzi attendibbli tal-kaz fil-hsieb ta' din il-Qorti il-kawza prossima u immedjata ta' l-incident mhux biss ma kienetx l-i*speed* tal-konvenut izda l-fatt li x-xufier tal-*coach* ma kienx in pjena osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Dawn ic-cirkostanzi kienu certament jiddettawlu meta kien gej minn kurva illi jsuq b' dik il-prudenza li dawn l-istess cirkostanzi kienu jimponu

fuqu, senjatament li jaghti preavviz adegwat u tempestiv tal-presenza tieghu fuq in-naha l-hazina tat-triq;

Premessi dawn ir-rilevanzi u konsiderazzjonijiet, kollox ma' kollox, l-attur appellant ma rnexxielux jipprova l-premessi tat-talba tieghu u cjoe li l-konvenut appellat kien unikament responsabbli ghall-incident jew li kkontribwixxa ghalih. Prova din li kienet gravanti fuqu. Anke kieku stess kellu jinghad li jezisti dubju dan bl-ebda mod ma jista' jissufraga lill-attur in kwantu kif, *ex-abundantia* ripetut, hu kien mghobbi bl-oneru li jipprova l-fondament u l-legittimita` tat-talba tieghu, u f' dan ma rnexxielux. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mit-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------